DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 2013

li tapprova l-pjan ippreżentat mill-Kroazja għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' tjur u bajd għat-tfaqqis skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE

(notifikata bid-dokument C(2013) 3988)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/346/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi [1], u partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/158/KE jistipula li l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni pjan li jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali li bihsiebhom jimplimentaw sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' dawk il-prodotti bażiċi.

(2) Fid-dawl tas-sbuħija tagħha mal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja ppreżentat il-pjan tagħha lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/158/KE. Dak il-pjan, kif emendat wara s-suġġerimenti magħmula mill-Kummissjoni matul l-eżami tiegħu, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2009/158/KE u jippermetti l-kisba tal-għanijiet ta' dik id-Direttiva, soġġetti għal implimentazzjoni effettiva u aġġornament regolari mill-Kroazja. Għalhekk, dan għandu jkun approvat.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa approvat il-pjan li jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali li jridu jiġu implimentati sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-finijiet ta' kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' tjur u bajd għat-tfaqqis previsti fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, ippreżentat mill-Kroazja lill-Kummissjoni fid-19 ta' April 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.